MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Numru. 1043/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**vs**

**Redent Bonello**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Redent Bonello, iben Mario u Mary Lourdes nee` Borg, imwieled Tal-Pieta`, fit-2 ta` Awissu, 1979 u residenti '42, Fuq Verdala, Bormla, u detentur tal-karta` ta` l-identita` numru 360779 (M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-Bajja ta` San Tumas, kif ukoll fil-By Pass ta` Marsaskala u fil-gimghat precedenti, nhar il-21 ta` Dicembru, 2003, ghall-habta ta` xi l-11.30 am:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li jaghmel ferita gravi fuq Charmaine Pace minn Haz-Zebbug, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta saq il-vettura tieghu tal-ghamla Mini Minor Clubman bin-numru tar-registrazzjoni LAM 142, bi speed eccessiv fid-direzzjoni tal-vettura taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. Bla ordni skond il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil certa Charmaine Pace minn Haz-Zebbug, kontra l-volonta` taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna taghha;

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` l-istess Charmaine Pace f`periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, u dan skond ma ccertifika Dr. Renzo Degabriele MD, mic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid;

4. Saq il-vettura tieghu LAM 142 b`nuqqas ta` kont, bi traskuragni u wkoll b`manjiera perikoluza;

5. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta saq ghal fuq il-vettura ta` l-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni LEA 041 ta` l-istess Charmaine Pace, liema ammont ta` hsarat ma jeccedix il-hames mitt lira izda huwa izjed minn hamsin lira;

6. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat, glied jew b`mod iehor;

7. M`obdiex l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

8. U finalment talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

9. Aktar akkuzat talli hedded lil Charmaine Pace b`arma li taqta` u bil-ponta (sikkina tal-hobz);

10. Aktar talli kellu arma bil-ponta u li tnezzez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f`kaz ta` htija, tiskwalifikah mill-licenzji tas-sewqan kollha tieghu, jew milli jottjeni licenzi tas-sewqan ghal zmien ta` mhux anqas minn tnax il-xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidhrilha li huwa xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` l-istess Charmaine Pace minn Haz-Zebbug u jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b`obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Jannar 2004 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghar-raba’, s-sitt, is-seba u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat li l-imputat wara li inghata zmien xieraq sabiex jirrikunsidra l-ammissjoni tieghu kompla jinsisti li jrid jirregistra ammissjoni.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' April 2006 xehdet Charmaine Pace, il-parti civili, fejn hija ddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat u rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-istess imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirigwarda ncident li nqala' fil-21 ta' Dicembru 2003 bejn l-imputat u Charmaine Pace li dak iz-zmien kienu gharajjes. Charmaine Pace xehdet fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2005 fejn hija qalet li hi u l-imputat kellhom argument fejn l-imputat beda' joffendiha u huma mbaghad gew fl-idejn. Hija qalet ukoll li l-imputat kellu sikkina f'idejh izda lilha la messha u l-anqas laqatha biha. Hija spjegat ukoll li l-incident inqala' waqt li l-imputat kien qed isajjar. Hija tghid ukoll li la kellha tbengil u l-anqas daqqiet u li meta gew il-Pulizjia hi u l-imputat ftehmu li t-tnejn kellhom imorru d-djar rispettivi taghhom u ghalhekk huma telqu minn fuq il-post bil-vetturi rispettivi taghhom. Pace xehdet li malli hija waslet fit-triq tar-Razzett tal-Hbiberija l-imputat kien qed jistenniha mal-gemb tat-triq  u huwa dahal fuqha bil-vettura tieghu izda hija la wegghat u l-anqas kellha hsara. Dak il-hin inzertaw kienu ghaddejjin xi Pulizjia tac-CID minn fuq il-post u huma qalulha sabiex tmur il-policlinic ghaliex kellha r-roghda u cemplu l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Charmaine Pace qalet li hija kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak kollu li kien gara.

Mix-xhieda tal-imsemmija Charmaine Pace jirrizulta car li dan kien incident bejn zewg gharajjes fejn l-affarijiet eskalaw xi ftit izzejjed. Meta inqala' l-incident l-imputat kien qed isajjar u kien ghalhekk li kellu sikkina f'idejh izda Pace ikkonfermat li huwa ma messhiex b'din is-sikkina u l-anqas laqatha biha. Mix-xhieda ta' Charmaine Pace zgur ma jistghax jinghad li l-ewwel u l-ghaxar akkuza gew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In kwantu jirrigwarda l-ghaxar akkuza jinghad ukoll li m'hijex rikjesta licenzja sabiex wiehed ikollu fid-dar tieghu sikkina tal-hobz, kif jirrizulta li kellu l-imputat. L-anqas it-tieni u l-hames akkuza ma jista' jinghad li jirrizultaw pruvati ghaliex jekk wiehed jezamina ix-xhieda ta' Pace ma jidhirx li hija b'xi mod inzammet kontra l-volonta' taghha u inoltre hija

stess qalet li ma gietx kagunata ebda hsara fil-vettura taghha. In kwantu jirrigwarda ir-raba' akkuza li giet ammessa mill-imputat il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' Charmaine Pace jirrizulta biss li kien hemm sewqan traskurat izda mhux perikoluz da parti tal-imputat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputata hafret lill-imputat ghal dak kollu li kien gara u li llum il-gurnata huma qed jghixu flimkien u kellhom wild iehor.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65, kif ukoll l-Artikoli 17, 338(dd), 95, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tar-raba, sitt, seba' u tmien akkuzi kif minnu ammesi u tikkundannah multa ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro (232€) u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien ghoxrin (20) gurnata millum. Stante r-rinunzja tal-parti civili Charmaine Pace l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tielet u d-disa' akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, il-hames u l-ghaxar akkuza u konsegwentement tillibera lill-imputat mil-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------